MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 579/2003

**Carmelo Vella**

**Vs**

**Angelo Zahra u Salvu Schembri li qed jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Schembri Brothers & Farrugia Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-10 ta’ Gunju, 2003, li in forza taghha, wara li ppremetta illi b’citazzjoni numru 1785/93DS fl-ismijiet *Angelo Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr. Siegfried Borg Cole L.L.D.*, il-prezenti konvenuti talbu li *“(1) l-(allura) konvenuti jigu kkundannati*

*sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffisat mill-Qorti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt pubbliku relattiv abbasi tal-konvenju riferit u ezebit fic-citazzjoni, (2) jigi nominat nutar biex jippubblika l-att relattiv, (3) jigu nominati kuraturi ghall-eventwali kontumaci, (4) tiffissa l-post, gurnata u hin ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi, (5) in difett li dan isir li l-konvenuti jkunu dikjarati responsabbli ghad-danni kkagunati lill-atturi minhabba l-inadempjenza taghhom, (6) jigu likwidati d-danni sofferti mill-atturi jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi konsistenti dawn id-danni almenu fit-telf li huma sejrin jaghmlu billi ma jippubblikawx il-konvenju fuq riferit, (7) jigu kkundannati ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni";* u

Ippremetta illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' April, 2002, fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti laqghet il-hames, is-sitt u s-seba' talba attrici u filwaqt li ddikjarat lill-allura konvenuti responsabbli ghad-danni kkagunati lill-allura atturi, llikwidat dawn id-danni fis-somma ta' Lm35,100 u kkundannat lill-attur u lil *Dr. Sigfried Borg Cole,* ihallsu din is-somma; u

Ippremetta illi kontestwalment ma' dawn il-proceduri l-attur intavola citazzjoni quddiem din il-Qorti fejn qieghed jitlob it-thassir tas-sentenza tat-12 ta' April, 2002, u r-ritrattazzjoni tal-istess ghat-tenur tal-artikolu 811 (b) u (l) tal-Kodici Dwar L-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12; u

Ippremetta illi ma din ic-citazzjoni l-attur ta' garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jekk din ma tigix inhassra; u

Ippremetta illi jekk is-sentenza tat-12 ta' April, 2002 tigi ezegwita, minkejja t-talba tal-attur ghal ritrattazzjoni, huwa ser jissubixxi pregudizzju akbar milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza jikkaguna lill-konvenuti; u

Ippremetta illi l-konvenju li fuqu hija bbazata s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni kien kolpit min zball ta'

fatt u fil-fatt konteswalment ma’ dawn il-proceduri qed issir kawza f’dan is-sens;  u

Talab biex il-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

1.  Tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ April, 2002 fl-ismijiet *Angelo Zahra u Salvu Schembri li qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Schembri Brothers & Farrugia Limited vs Carmelo Vella u Dr. Siegfried Borg Cole L.L.D.,* (Citazz. Nru. 1785/93DS) kif intqal ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi;

1.  It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjez *stante* illi ma tesisti ebda basi guridika ghall-akkoljiment taghha.  Fil-fatt l-attur ikkontesta it-talbiet attrici fil-kawza li qed tigi impugnata u qabbad lill-avukat *Dr. Sigfried Borg Cole L.L.D.* sabiex jittutela id-drittijiet tieghu, kif jirrizulta min-nota tal-eccezzjonijiet tieghu stess, prezentata fil-kawza fuq riferita u issa deciza.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess illi l-esponenti jirriserva li jissottometti eccezzjonijiet ulterjuri dwar il-garanzija minnu provduta wara li jkun jaf hijiex idonea jew le.

3.  Illi, mhuwiex minnu illi jekk tigi ezegwita s-sentenza l-attur ser isofri pregudizzju akbar milli it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna lill-esponenti.

4.  Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur f'din il-kawza kien konvenut fil-kawza "Zahra et vs Vella et", citazzjoni numru 1785/93, liema kawza kienet giet deciza kontra tieghu fit-12 ta' April, 2002, u in forza ta' dik is-sentenza il-konvenut (attur odjern) kien gie ikkundannat, flimkien mal-konvenut l-iehor f'dawk il-proceduri, ihallas lill-atturi (l-odjerni konvenuti) is-somma ta' Lm35,100. Il-konvenut (attur odjern) ma ressaqx appell minn dik id-decizjoni, izda fl-10 ta' Gunju, 2003, ressaq proceduri ghar-ritrattazzjoni (citazzjoni numru 580/03NC) ta' dik il-kawza ghat-tenur tal-artikolu 811 (b) u (l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Bil-prezenti proceduri, l-indikat debitur qed jitlob it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tat-12 ta' April, 2002, pendenti l-esitu tal-proceduri ta' ritrattazzjoni minnu miftuha, u ressaq ukoll garanzija tieghu stess (!) biex jaghmel tajjeb ghall-esekuzzjoni tas-sentenza f'kaz li dik is-sentenza ma tigix mhassra.

Issa, skond l-artikolu 823 tal-indikat Kap. 12, it-talba ghar-ritrattazzjoni ma zzomx l-esekuzzjoni tas-sentenza, izda l-Qorti tista' twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza jekk (a) dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix inhassra, u (b) jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kontrarja.

Il-garanzija originali moghtija mid-debitur stess ma kienetx giet accettata mill-kreditur, u l-Qorti stiednet lill-attur jipproduci garanzija ohra li verament tkun tista' taghmel tajjeb ghal esekuzzjoni tas-sentenza. L-attur, eventwalment, ressaq garanzija bankarja mahruga mill-*Lombard Bank Malta plc* ghas-somma totali ta' Lm36,000, li l-Bank obbliga ruhu li jhallas f'kaz li l-attur/debitur jitlef il-

kawza ta' ritrattazzjoni li hu fetah. Din il-garanzija giet accettata mid-difensur tal-odjerni konvenuti, u hija salvaguardia adegwata ghal kreditu tal-konvenuti f'kaz li l-proceduri ta' ritrattazzjoni jigu michuda. F'dawn ic-cirkostanzi, ikun ta' pregjudizzju ghall-attur jekk ma titwaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija, u l-Qorti, ghalhekk, sejra tipprocedi billi takolji t-talba attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi, fid-dawl tal-garanzija bankarja prodotta mill-attur, tilqa' t-talba tal-istess attur u twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' April, 2002, fil-kawza fl-ismijiet "Zahra et vs Vella et" (Citazzjoni numru 1785/93), u dana pendenti l-ezitu tal-kawza ta' ritrattazzjoni mibdija mill-attur odjern.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------